MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 778/2009

**Victor Hili (ID 146056 M)**

**vs**

**Stanley Warne (ID 33964 M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** l-Avviz li permezz tieghu l-Attur beda biex ippremetta hekk:

Stanley Warne huwa sid il-kelba “Honey” tar-razza “Yorkshire Terrier”. Jiena ghandi kelb ta’ l-istess razza. Stanley xtaq li jghammar il-kelba tieghu mal-kelb tieghi. Ftehmna li kellu jigi bil-kelba d-dar tieghi meta il-kelba tkun f’waqtha.

Staley gab bil-kelba tieghu ghandi fil-5, 6 u 7 ta’ April 2009. Kull darba halla l-kelba u gie ghaliha xi siegha wara. Peress li dawn huma t-tnejn Yorkshire Terriers,

zghar hafna fid-daqs, dawn riedu attenzjoni kontinwa u anke ghajnuna waqt il-process. U ghalhekk kelli noqghod maghhom jien il-hin kollu.

L-ewwel darba li gie Stanley id-dar tieghi bil-kelba, ftehmna li jiena kelli nghazel geru (kelb jew kelba) meta dawn jitwieldu bhala hlas u rikompens ghas-servizzi li kien qed jiehu.

Il-kelba ta’ Stanley harget tqila u kwazi 9 gimghat wara, fil-5 ta’ Gunju 2009, kellha l-griewi. Skond Stanley tnejn mill-griewi mietu wara li twieldu, izda it-tielet wiehed salva. Hawnhekk jiena kelli noqghod fuq il-kelma tieghu.
Sadanittant, kemm-il darba tlabt lil Stanley biex niehu lit-tifla tieghi biex tara l-geru, izda Stanley dejjem qalli mhux ghalissa ghax il-geru ghadu dghajjef.

Fis-26 ta’ Lulju, wara hafna telefonati Stanley ikkonceda li niehu t-tifla tieghi tara l-geru. Sadanittant, il-geru kellu akar minn 7 gimghat. Dak in-nhar Stanley qalli li hu xtaq li jzomm il-geru ghalih, u ftehmna biex l-ghada nergghu niltaqghu bil-formula tal-“pedigree” halli hu jkun jisa jirregistra lill-kelba u wkoll biex finalment nissettiljaw bejnietna.

L-ghada, it-Tnejn 27 ta’ Lulju 2009, jien imlejt il-formula tar-registrazzjoni minn naha tieghi u mort ghand Stanley, mal-mara tieghi. Il-mara baqghet barra quddiem il-bieb.

Meta tajtu l-formula, quddiem il-mara tieghu, spjegajt lil Stanley li la l-affarijiet gew kif gew u baqa geru wiehed biss, ghalkemm skond il-ftehim ta’ bejnietna, u anke skond kif imorru s-soltu dawn il-ftehim, jien ghandi dritt ghal geru li salva. Ghidtlu wkoll li f’Marzu ta’ din is-sena kien gralhi l-istess ma xi hadd iehor u tal-geru talabna €600 u finalment inxtara ghal €550. Ghalhekk tlabtu nofs dan l-ammont.

Izda Stanley ried ihallas biss ammont nominali ghas-servizzi li ha. Meta issugerejtlu biex inbieghu il-kelba beda jghajjarni “qamiel” u “bil-guh”.

Hawnhekk hassejt li l-ahjar li naghmel kien li nitlaq il-barra ghax Stanley ma kienx qed jirraguna u dak il-hin kien hemm biss arja ostili.

Hu u l-mara tieghu hargu fil-gallarija u baqghu jghajjruni minn hemm. Hawnhekk tlabtu lura il-formla li kont tghajtu. Stanley waddabli bil-herra din il-formula mill-gallarija ghall-isfel u baqa joffendini u jkellimini hazin.

Wara din l-attitudni jien inhoss li l-offerta li ghamiltlu biex naqsmu ma ghadiex valida u nixtieq niehu l-kelba skond il-ftehim originali u skond ma hi n-norma f'dawn il-kazijiet.

**Ra** r-Risposta tal-konvenut li tghid hekk:

Illi primarjament il-fatti u l-ammont mitlub mir-rikorrenti jezimu l-kompetenza ta' din it-Tribunal a bazi 'ratione materiae'

Illi l-initmat Stanley Warne jirrespingi illi huwa ghandu jivversa €600 lil rikorrenti u dan stanti illi l-ammont kif miftiehem bejn il-partijiet kien ta' €230 dan minghajr pregudizzju lil istess intimat.

Illi l-fatt li mietu zewgt minn tlett igriewi jikkwalifika ghal 'force majeur' u certament qatt ma jista jkun imputabbli lil intimat.

Illi talbiet sabiex tinbiegh il-Yorkshire Terrier sopravvissuta, jikkonfermaw l-inkompetenza 'razione materiae' ta' dan it-Tribunal.

Bl-ispejjes kontra rikorrenti.

## Provi

**Ra** x-xhieda moghtija quddiemu. Fis-sustanza x-xhieda tal-attur hi konferma ta' dak li hemm, b'mod dettaljat, fl-Avviz. Zied li l-ftehim hu li jinghazel l-hekk imsejjah "pick of the litter", ragel jew mara, kif ikun joghgob lill-Attur. Minhabba li kien hemm biss geru wiehed, kelba, kien offra li din tinbiegh u li flus li jingabru jinqasmu bejniethom. Billi

l-konvenut xtaq il-geru ppretenda hlas ta’ €300 - nofs il-prezz li jgib il-geru.  Billi l-konvenut ma qabilx issa jrid il-prezz ntier tal-geru kif miftiehem.

In kontro ezami qal li l-Intimat kien offrielu jmur jara l-griewi mejta pero’ ma marx ghax qad fuq kliem il-konvenut.  Il-konvenut kien offrilu LM100.

**Mariella Hili** kkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha sa fejn din tikkoncerna lilha.

**Alexander Mintoff**, prodott mill-attur, ikkonferma li f’Marzu 2009 hu kien xtara m’ghand l-attur Yorkshire Terrier bil-pedigree bil-prezz ta’ €550

Il-**konvenut Stanley Wayne** qal li t-tlaqqiegh sar fuq suggeriment tieghu.  Il-ftehim kien li hu jiehu kelb ragel jew LM100.  Sussegwentemnt sar it-tlaqqiegh u l-kelba tqalet.  Infurmah li mietu tnejn mit-tlett ifrieh u sata jivverifika dan.  Qalli li xtaq izomm il-ferh sopravissut u offrielu LM100 kif miftiehem.  Eventwalment l-attur mar ghandu u gab il-formola relattiva.  Hawn il-konvenut offra €250 izda l-attur ippretenda €300 u ma ftehmux.  Cahad li qatt isemmew €600.

Xehdet **Ruth Wayne** prodotta mill-konvenut zewgha li fis-sustanza kkonfermat dak li qal zewgha.

**Ikkonsidra**

Illi t-Tribunal iqis li dan il-kas jaqa taht il-kompetenza tieghu stante li essenzjalment hawnhekk si tratta ta’ talba ta’ flus.

Wara li ezamina l-provi migbura quddiemu, t-Tribunal josserva fl-ewwel lok li l-partijiet kienu qed jaqblu, u dana bla ebda sorpriza, li t-tlaqqiegh tal-koppja *Yorkshire Terrier*, ma kellux isir *gratis*.  Dan it-tlaqqiegh kellu jsir versu korrispetivi.  Ghas-servizzi li jaghti l-kelb tal-attur dan is-sid kellu jircievi geru minn dawk li eventwalment twelled il-kelba, *Honey* tal-konvenut bl-opra tal-kelb tal-attur.

Irrizulta, bla tlaqlieq li Honey welldet tlett igriewi li minnhom ghexet wahda. Il-konvenut ried izommha, anke ghax hadu grazzja maghha wliedu. Ghal dan l-attur m'opponiex. Wiehed kien jobsor li l-affari tispicca bi ftehim u "hand shake" (sic) bejn il-partijiet izda dan sfortunatament ma sehhx u l-kaz tressaq quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-geru sopravissut hu rizultat ta' akkoppjament bejn kelb tal-attur u kelba tal-konvenut, u li l-griewi l-ohra mietu b'ebda htija tal-partijiet (jew xi hadd minnhom) allura huma ghandhom igawdu ndaqs minn dan it-twelid permezz ta' kumpens finanzjarju.

Mix-xhieda ta' Alexander Mintoff irrizulta li geru ta' din ir-razza jinbiegh ghall-hames mija u hamsin Ewro (€550).

**DECIZJONI**

Meqjus kollox u *arbitrio boni viri*, it-Tribunal fil-kompetenza shieha tieghu, jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur mitejn, hamsa u sebghin Ewro (€275), bl-imghax skond il-ligi mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes ta' dina l-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------